# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Appell Nru: 317/2016

**Il-Pulizja**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Meriam Abdussalam Mouddea**

Seduta tat-30 t'Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata Meriam Abdussalam Mouddea detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 9000606 A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' xi jum bejn Lulju w Awwissu 2014 b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettiet serq minn residenza 163, Triq Hal Qormi, Marsa liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jiskorri l-ammont

ta' €2,329.37, bil-Persuna u bil-lok ghad-detriment ta' Bulli Moubakar u / jew ta' persuna / i ohra;

2. U aktar talli nhar l-10 ta' Settembru 2014 f' xi hin matul il-gurnata, gewwa Birzebbugia b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq minn gewwa residenzi Maryluke, Flt. 1, Triq Dun Vincenz Fenech, Birzebbugia, C Darly Triq tal-Papa, Birzebbugia u B Darly, Triq 22 ta' Frar, Birzebbugia wriet dan il-hsieb b' atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghha u li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-Lok ghad-detriment ta' diversi persuni;

3. U aktar talli nhar l-10 ta' Settembru 2014 fid-9:00 hrs naqset milli tidher fl-Ufficju tal-Ispettur James Grech gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-ufficjal tal-kustodja nhar id-9 ta' Settembru 2014 u dan ai termini tal-Artikolu 355 AL (4) (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli bejn l-10 ta' Settembru 2014 u t-28 ta' Novembru 2014, b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda kisret il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D, b' digriet datat 27 ta' Awwissu 2014 li permezz tieghu hija nghatat il-helsien mill-arrest b' diversi kundizzjonijiet fosthom li:

a) Tidher ghal kull att tal-process kif ordnat mill-Qorti;

b) u / jew li ma ssifirx jew tinheba;

c) u / jew li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest;

d) u / jew li tirrapporta l-Ghassa ta' San GiIjan kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha bejn l-16:00hrs u s-19:00hrs u jekk tonqos milli tirraporta kif inghad, ghandha tibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih obligata tirraporta

e) u / jew li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod 7, Archidea, Bik. B, Fit. 7, Triq Carmen Mallia, San Gwann mhux iktar tard mid-21:00 hrs u ma tohrogx minn hemm qabel it-8:00 hrs tal-ghada filghodu;

f) u / jew li tinforma lill-Pulizija fi zmien tnax-il siegha f' kaz li tibdel l-indirizz tad-dar.

U dan taht garanzija personali ta' €5,000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Mejju, 2016, li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 41 (a), 49, 50, 261 (b) (c) (d) (e), 263, 264, 265, 267, 268 (b), 269 (g), 279 (b), 355 AL (4) (5), 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni, peress illi l-proceduri fejn kienet inghatat il-helsien mill-arrest preventiv illum huma decizi, sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u kkundannatha ghall-piena ta' sena (1) prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Gunju 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonferma** l-ħtija, għar-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni,

**tirrevokaha u tħassarha** f' dik il-parti fejn sabet lil Meriam Abdussalam Mouaddea mhux ħatja tar-raba` (4) imputazzjoni migjuba kontra taghha u illiberatha minnha, u tgħaddi sabiex **<u>tirrevoka</u>** l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellata u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi u kif ukoll adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellata;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata bil-gravami dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti dwar l-ewwel tlett imputazzjonijiet u dwar liberazzjoni mir-raba' wahda. Ghar-rigward tal-ewwel aggravju, l-Avukat Generali ghandu ragun ghaliex l-ewwel Qorti kkominat piena li hija anqas minn dik erogabbli ghar-reati li taghhom instabet hatja l-appellata;

2. Fit-termini tal-artikolu 278(3) tal-Kodici Kriminali, l-ewwel imputazzjoni, dik tar-reat ta' serq bl-aggravju tal-mezz, valur, persuna u lok, la darba l-Qorti sabet htija fl-aggravju ta' anqas minn €2,329.37, kienet soggetta ghall-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad u ma tistghax tinghata piena fil-minimu taghha. Zieda ta' grad ex artikolu 31 jissarraf f'piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa erba snin. L-artikolu 20 tal-istess Kodici jiprovdi b'mod car u inekwivoku illi f'dak il-kaz l-piena li ghandha tinghata ghandu <u>dejjem</u> ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu. F"dan il-kaz, il-piena dwar l-ewwel imptuazzjoni ma setghet qatt tkun ta' anqas minn tlettax-il xahar. L-ewwel Qorti applikat il-provvediment tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 ghaz-zewg delitti. Jidher ukoll illi applikat l-artikolu 17(d)

tal-Kodici kwantu l-piena kontravvenzjonali ghar-rigward tal-imputazzjoni numru tlieta;

3. It-terminu ta' sena prigunerija kominat mill-ewwel Qorti ma setghax ikun radikat mill-intenzjoni klementi li tinzel taht il-minimu sia ghaliex ma ddikjaratx ir-ragunijiet ghal hekk kif ukoll illi inzul taht il-minimu biex tkun applikata sena prigunerija minflok tlettax-il xahar mhux wiehed li ghandu jwassal lil din il-Qorti temmen li dan kien il-motiv wara piena anqas minn dak provdut mil-ligi. Il-kominazzjoni ta' sena prigunerija huwa ghalhekk frott ta' kalkolu hazin da parti tal-ewwel Qorti;

4. It-tieni aggravju tal-Avukat Generali li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni huwa wiehed konfuz ghall-ahhar sia kwantu l-aggravju kif ukoll ghal dak li jirrigwarda t-talba fl-ahhar tar-rikors tal-appell. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti lliberat lill-appellata minn din ir-raba' imputazzjoni u dwar dan iressaq argumenti ghall-opinjoni kontrarja. Fit-talba tieghu, izda, l-Avukat Generali ghamel rikjesta ghar-revoka u thassir tas-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellata mhux hatja tar-raba' imputazzjoni u lliberataha minnha. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti, tajjeb jew hazin, ma ddikjaratx liberatorja kwantu r-raba' imputazzjoni, izda, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-istess u ghalhekk mhux kif qed jargumenta l-Avukat Generali. L-Avukat Generali, imbaghad, mhux biss ma talabx li tinsab htija fl-appellata u tkun ikkundannata ukoll dwar ir-raba imputazzjoni talli talab biex il-Qorti "tghaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfront tal-appellata u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi..." Din il-Qorti ma tistghax thassar parti minn sentenza fejn kien hemm liberatorja u tieqaf hemm ghaliex b'daqshekk m' ghandux ifisser li l-appellata tkun hatja. La darba ma hemmx talba ghal-sejbien ta' htija, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' dan il-parti tal-appell;

5. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tilqghu in parti u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellata ghal sena prigunerija u

minflok tikkundannaha ghal-prigunerija ta' tlettax-il xahar u hamest ijiem li minnhom ghandu jitnqqas iz-zmien ta' inkarcerazzjoni gia kompjut sal-lum. Tichad it-talba tal-Avukat Generali ghar-revoka u thassir tal-parti liberatorja tas-sentenza appellata.